## minn Ġrajjiet il-Qala

# L-Istorja ta' l-Istatwi

*minn Anton Buttigieg P.E.P.*

Fir-raħal bejn statwi u statwetti għandna kollezzjoni ġmielha li kważi tasal sa' tletin.

I

L-ewwel statwetta li tiġi quddiemi hi waħda ta' Kurċifiss qadim minqux fl-għuda, ta' artist li ma nafuhx. Din l-istatwetta qegħda mdendla fis-sagristija tas-Santwarju faċċata tal-bieb li jagħti għal ġol-knisja.
Sa madwar għoxrin sena ilu kienet għadha fis-sura tagħha oriġinali, jiġifieri ma kenitx miżbuha. Ir-Rettur ta' dak iż-żmien xtaq jagħtiha dehra oħra u sab lil min għatta l-injama b'qoxra taż-żebgħa.

II

Statwetta oħra fis-Santwarju hi tal-Madonna tarbija li għadha fil-fisqija. Ir-ras tagħha tax-xema hi maħduma tajjeb ferm.



Nafu li din l-istatwetta kienet għotja tas-Sinjura Anna mart in-Nutar Francesco Cauchi, biex tkompli wegħda li kienet għamlet wara li qalgħet il-grazzja mixtieqa. Din l-għotja saret fis-sena 1780.
Wieħed u sittin sena wara, jiġifieri fl-1841, l-aħwa Bonavita, neputijiet tas-Sinjura Anna, ħallsu l-ispejjes biex din l-istatwetta tiġi restawrata. Illum għada fi stat tajjeb ħafna.
F'jum il-Kunċizzjoni, r-Rettur ipoġġi din l-istatwetta fuq l-artal tal-ġenb tas-Santwarju għall-qima tal-fidili.

III

Sa madwar tletin sena ilu, fis-Santwarju kien hemm ukoll bassoriliev tal-Kunċizzjoni, bejn wieħed u ieħor tal-għoli ta' metru. Jirrappresenta l-Figura Tradizzjonali tal-Madonna fuq il-qamar.
Hu xogħol tal-kartapesta u aktarx inħadem barra minn Malta. Ma nafux min hu l-artist, l-anqas meta wasal fir-raħal. Iżda hemm x'juri li bejn wieħed u ieħor hu tal-istess żmien tal-Bambina li diġa semmejt.



Ta' min ifakkar li x-xogħol tal-kartapesta kellu l-bidu fi Franza kmieni wara l-1700.
Dak li jġagħlek taħseb li ż-żewġ statwetti li semmejt huma bejn wieħed u ieħor tal-istess żmien joħroġ mill-fatt li kienu qegħdin it-tnejn flimkien qishom ħaġa waħda, il-vetrina tal-Kunċizzjoni fuq dik tal-Madonna tarbija.
L-għamla tal-vetrini tidher tal-istess id. It-tnejn kienu qedin fuq armarju ħdejn il-bieb li jagħti għal fuq l-orgni. Xieraq li wieħed jgħid xi ħaġa dwar l-armarju. Dan kien joħroġ 'il-barra ftit aktar mill-kaxxa tal-Bambina. Fil-wiċċ kellu żewġ toqob. Waħda biex minnha l-fidili jitfgħu xi sitt ħabbiet, u l-oħra biex minnha jitfgħu ż-żejt f'landa moħbija ġo fih, għal-lampa tal-Madonna.
Dak iż-żmien, kif ukoll għal ħafna snin wara, iż-żejt kien jinxtara bil-qasba u bin-nofs qasba. Dawn il-miżuri kienu jesgħu wisq anqas minn flixkun.
Ta' min isemmi wkoll id-drawwa ta' dawk iż-żmenijiet fir-raħal tagħna.
Fil-ħanut, iż-żejt kien jinżamm f'landa f'armarju aktarx fil-ħajt. Ħdejn il-landa kont tara flixkun b'lenbut żgħir ġo fih. Malli tal-ħanut kien ibattal iż-żejt fil-flixkun ta' min jixtri, minnufih kien ipoġġi l-qasba rasha 'l isfel fil-lenbut biex jekk jibqa' xi qtar fiha jinżel bil-mod fil-flixkun ta' ħdejn il-landa. Iż-żejt li kien jinġabar b'dan il-mod wara kien jgħaddi lill-knisja għal-lampieri.
Sa tmiem l-ewwel gwerra dinjija din id-drawwa kienet għadha fostna.
Il-bassoriliev tal-Kunċizzjoni għadu fi stat tajjeb. Illum jinsab fil-kappella taċ-ċimiterju.

IV

Fuq l-artal tal-ġenb tas-Santwarju hemm Kurċifiss imdaqqas tal-kartapesta. Dwaru ftit nafu għaliex la hemm notamenti ta' meta wasal il-Qala wisq inqas ta' min għamlu. M'hemmx dubju li hu xogħol Malti. Aktarx li ġie wara l-1872 fi żmien il-kappillan Dun Salv Grima, għaliex kien meħtieġ għall-funzjonijiet liturġiċi tal-parroċċa.
Sas-sena 1948, kull sena kienu jġibu dan il-kurċifiss fil-knisja ta' San Ġużepp għall-festi tal-Ġimgħa l-Kbira. Dan

tkompli f'paġna 15

jaqbad minn paġna 10
kien isir għaliex il-Kurċifiss tal-parroċċa kien qiegħed fil-għoli u kellu vetrina kbira u tqila ħafna. Għalhekk ma kienx faċli tniżżlu minn postu.

F'jum il-Ġimgħa l-Kbira l-Kurċifiss li qiegħed nikteb dwaru, kienu jqegħduh fuq l-artal maġġur mal-istatwa tad-Duluri. Quddiemu kienet issir il-prietka tat-tliet siegħat.

Id-drawwa li l-Kurċifiss tas-Santwarju jinġieb fil-knisja parrokkjali waqfet wara l-1948, meta fir-raħal wasal il-Kurċifiss ta' l-injam minn Bolzano u dak li kellna tal-Kartapesta sab ruħu fis-sagristija u hekk il-parroċċa bdiet tiddobba bih kif għadha sal-lum.

V

Imiss issa ngħid xi ħaġa dwar l-istatwa li hemm fin-niċċa tal-frontispizju tas-Santwarju.

Tissemma fis-sena 1887, kważi mitt sena ilu, meta ġiet mill-knisja tal-Blat.

Hawn tidħol biċċa storja sabiħa u nteressanti tal-parroċċa tagħna.

Fis-sena 1882, proprju fid-19 ta' Marzu,festa ta' San Ġużepp, Mons. Isqof Pietru Pace bierek l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida.

Kif dejjem jiġri kien hemm xi tilwim bejn il-kappillan Diacono u l-prokuratur Dun Franġisk Buttigieg dwar id-daqs tal-knisja l-ġdida. Il-Kappillan riedha iżgħar milli hi. Ried ukoll isaqqafha bit-travi u għaġġel xtrahom biex ikunu għandu. Dan ma għoġobx lil Dun Franġisk u lil ħafna nies mir-raħal. Dawn riedu knisja kbira u msaqqfa bil-ħnejjiet kif narawha illum. Għaddiet ta' Dun Franġisk u l-knisja tfasslet fuq dik tas-Sacro Cuor ta' tas-Sliema, kif ħalla miktub fid-djarju tiegħu Dun Ġużepp Zammit qassis magħruf, l-istess wieħed li għamel il-priedka fil-beraħ meta tbierket l-ewwel ġebla tal-knisja fid-19 ta' Marzu, 1882.

It-travi spiċċaw fil-knisja ta' San Lawrenz, Għawdex.

Fl-1887 il-bini tal-Knisja kien fl-aqwa tiegħu. Minkejja dan il-kappillan Diacono fettillu jibni l-kampnar u 'l-frontispizju tas-Santwarju li sa dak iż-żmien kien għadu nieqes minnhom.

Ir-raħal kien magħfus sewwa bil-bini tal-knisja l-ġdida. Għalhekk il-kappillan, biex iwettaq ix-xogħol li ried jagħmel fis-Santwarju, issellef il-flus minn għand nies mir-raħal.

Meta l-frontispizju kien lest, il-kappillan ried statwa għal ġon-niċċa. Fil-knisja tal-Blat kien hemm statwa sabiħa minquxa fil-ġebla minn artist li ma nafuhx. L-anqas nafu meta waslet hemm. Għajnejn il-kappillan waqgħu fuqha, u Ħadd wieħed ħa ċorma rġiel miegħu Hondoq ir-Rummien u niżżilha minn fejn kienet. Qajla, qajla tellgħuha lejn is-Santwarju u ħallewha fuq iz-zuntier għax il-ħin kien għamel.

Din l-affari ma għoġbitx lil kulħadd, u xi erba' minn nies matul il-lejl reġgħu niżżluha tal-Blat fejn kienet.

B'daqshekk il-kappillan ma biddilx fehemtu. Il-Ħadd ta' wara, l-armar kien lest biex itellgħu l-istatwa fin-niċċa l-ġdida.

Din l-istorja qalhieli l-kappillan Dun Ġużepp Vella (1927 - 1955). Ikkonfermahieli Ġużepp Vella, raġel mill-Qala li kellu sehem fil-ġarr u fit-tlugħ tal-istatwa. Ġużepp żied biċċa tassew interessanti.



Fl-ewwl ġarr Ġużepp ħa kesha u għadda ġimgħa muġugħ sewwa. Qabel bdew itellgħuha f'postha l-imgħallem qal li kien meħtieġ xi ħadd biex jitla' ħalli jżomm il-ħbula milli jinbarmu. Ġużepp qabeż dritt għal din il-biċċa xogħol. L-istatwa bdiet tiela'. Kif waslu fin-nofs, Ġużepp ħares lejn il-Madonna u qalilha: "L-uġiegħ li għandi kollu minħabba fik! Neħħihuli!"

Ħaġa tal-għaġeb, l-uġiegħ li kellu tar minnufih, tant li malli l-istatwa nġibdet f'postha, Ġużepp qabeż għal fuq il-bejt. Kif għedt qabel, dan nafu minn fomm Ġużepp stess.

Fis-sena 1977, Dun Mikiel Buttigieg, Rettur tas-Santwarju b'idejh stess żebgħah din l-istatwa. Ix-xogħol wettqu taħt id-direzzjoni tal-pittur Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi. L-istess pittur imbagħad spiċċa l-aħħar xogħol, l-aktar ta' wiċċha u ta' jdejha.

VI

Kien ukoll il-kappillan Diacono li wassal fil-Qala l-istatwa titulari tal-Kunċizzjoni fis-sena 1887. L-istatwa ġiet imbierka mill-Isqof Pietro Pace fit-8 ta' Diċembru tal-istess sena. Għall-okkażjoni kien ukoll mistieden il-kleru tan-Nadur. Dan jidher fir-reġistru parrokkjali tal-kontijiet.

L-istatwa tassew artistika nħadmet f'Marsilja mid-ditta Gelard mnejn ġew diversi statwi oħra titulari fosthom dik ta' San Ġużepp.

Hi mmodellata fuq il-pittura famusa tal-Murillo li tinsab fil-mużew tal-Louvre ta' Parigi.

Sas-sena 1926 baqgħet kif ġiet minn Franza. Dik is-sena żejnuha bil-libsa ġdida li għandha. Ix-xogħol tal-indoratura sar Malta. Iżda il-kulur ta' wiċċ il-Madonna u ta' jdejha sar mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri.

Waqt il-festi kbar li saru għall-Inkoronazzjoni tal-kwadru tal-Kunċizzjoni fl-1954, din l-istatwa inġarret mis-Santwarju għall-Knisja parrokkjali l-Ġimgħa, 6 ta' Awissu.

Il-Ħadd ta' wara, 8 ta' Awissu saret biha purċissjoni pontifikali mmexxija mill-Isqof G. Pace. Fiha, barra mill-kapitlu tal-Katidral, ħadu parti l-kapitli tat-tliet kolleġġjati u l-parrokat kollu tal-gżira. Hekk għalqu f'Għawdex il-festi ta' egħluq l-ewwel ċentinarju tad-Domma tal-Immakulata.

Insemmi wkoll li dik l-istess sena, għall-aħħar ta' Settembru l-istatwa tal-Kunċizzjoni ħaduha fil-knisja ta' Sant Antnin l-Imġarr fejn saru festi speċjali b'tifkira tal-istess ċentinarju.

***(Ikompli f'ħarġa oħra)***